MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 546/2007

**Cond**
**ominium Services Limited**
**(C**
**39139)**

**Vs**

**Ronni**
**e Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta` Lulju, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` mija u hdax il-lira, wiehed u tletin centezmu (Lm111.31), rapprezentanti sehem il-konvenut ghal manutenzjoni u spejjez ohra fil-partijiet komuni nkluz is-swimming pool tal-kumpless bl-isem ta` St Paul’s Court, St Paul’s u dana ghal perjodu bejn Lulju u Dicembru, 2006.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta` Ottubru, 2007 meta gie pprezentat il-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta` llum.

Gie notat pero` li fl-att ta` l-avviz promotur ma kienx gie ndikat li l-konvenut seta` jissejjah in subizzjoni u ghalhekk tali talba ghas-subizzjoni ma tistax tigi accettata u milqugha.

Sema` x-xhieda ta` l-avukat Dottor Alexia Farrugia li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sa dak in-nhar stante li baqa` ma sar ebda hlas.

Ra li l-konvenut ghal darba ohra rega` naqas li jidher u wisq anqas ipprezenta xi kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba u kwindi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma mitluba ta` mija u hdax il-lira u wiehed u tletin centezmu, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------